# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Guramentat Nru.: 221/12MH**

**Illum 15 ta' Marzu, 2017**

**Katerinu Farrugia [K.I. 702152M]**

**vs**

**Tabib Principali tal-Gvern u Industrial Projects and Services Limited (C32346)**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors guramentat tal-attur** tad-29 ta' Frar 2012 fejn gie premess:

*"1. Premess illi r-rikorrent huwa mpjegat mas-socjeta' Industrial Projects and Services Ltd li assenjatu biex jahdem gewwa l-isptar San Luqa, Gwardamangia, taht struzzjonijiet u d-direzzjoni tal-intimat Tabib Principali tal-Gvern;*

*2. U premess illi nhar id-dsigha (9) ta' Novembru elfejn u disgha (2009) waqt li r-rikorrenti kien qieghed jahdem fl-imsemmi sptar ir-rikorrent kien vittma ta' ncident fejn sofra debilita' permanenti kif ser jigi ppruvat fil-mori ta' dan ir-rikors;*

*3. U premess illi b'rizultat dirett tal-imsemmi ncident ir-rikorrent sofra telf ta' qliegh, dizabilita' permanenti u danni konsegwenzjali;*

*4. U premess illi l-imsemmi ncident sehh tort, b'negligenza, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tas-sahha u sigurta' fuq il-post tax-xoghol da parti tal-intimati;*

*5. U premess illi l-intimati gew interpellati sabiex jghaddu ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni sofferti mir-rikorrent, u dan anke permezz ta' ittra ufficjali datata ta' Lulju elfejn u hdax (2011) (ara Dok KF 1 hawn anness) izda baqghu inadempjenti.*

*Ghalhekk jghidu l-intimati jew min minnhom ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi u prevja kull dikjarazzjoni ohra necessarja:*

1. *Tiddikjara li l-intimati jew min minnhom huma responsabbli ghall-incident li sehh fuq il-post tax-xoghol gewwa l-isptar San Luqa, Gwadamangia, nhar id-9 ta' Novembru 2009, f'liema ncident korra r-rikorrent;*
2. *Tillikwida d-danni kollha sofferti mir-rikorrent b'konsegwenza tal-incident imsemmi, okkorrendo bin-nomina ta'periti;*
3. *Tikkundanna lill-intimat jew min minnhom ihallsu lir-rikorrent id-danni hekk likwidati.*

*B'rizerva ta' kull azzjoni fil-ligi u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal- ta' Lulju 2011, kontra l-intimati jew min minnhom, ingunti ghas-subizzjoni."*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-rikors guramentat;

Rat **ir-risposta guramentata tal-konvenut Tabib Principali tal-Gvern** tad-9 t' April 2012[1] li permezz taghha ressaq is-segwenti eccezzjonijiet:

*"Illi preliminarjament it-Tabib Principali tal-Gvern ma hux responsabbli ghad-danni allegati mir-rikorrent stante illi dawn ma grawx tort ta' xi nuqqas jew negligenza da parti tieghu.*

*Illi subordinament u minghajr pregudizzju ghal premess il-Board Mediku mahtur apposta sabiex jezamina u jevalwa l-istat ta' sahhet ir-rikorrent, ikkonkluda illi dan kien tajjeb sabiex jidhol ghax-xoghol sa mill-25 ta' Dicembru 2009 (ara DOK "BG1").*

*Illi subordinament u minghajr pregudizzju gha premess l-allegazzjonijiet pretensjonijiet vantati mir-rikorrent huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt, u ghalhekk ghandhom jigu respinti in toto bl-ispejjez."*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-risposta guramentata;

Rat **ir-risposta guramentata tas-socjeta' konvenuta Industrial Projects Services Limited** tal-11 t' April 2012[2] li permezz taghha ressqet s-segwenti eccezzjonijiet:

*"Illi l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u dan ghas-segwenti ragunijiet:*

1. *Illi fl-ewwel lok is-socjeta' ntimata mhix il-legittimu kontradittur u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju, u dan peress illi huwa skorrett r-rikorrent jghid illi huwa mpjegat mas-socjeta' mittenti meta in*

[1] Fol 20 et seq
[2] Fol 27 et seq

*effetti huwa ma hux hekk impjegat. Ir-rikorrent huwa mpjegat tas-servizz pubbliku.*

2. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-allegata dizabilita' permanenti li sofra r-rikorrent trid tigi ppruvata ghas-sodisfazzjon tal-Qorti.*

3. *Illi minghajr pregudizzju u fi kwalunkwe kaz, ma huwhiex minnu illi s-socjeta' intimata hija responsabbli ghal xi danni allegatament sofferti mir-rikorrenti, tant illi ma kinitx is-socjeta' esponenti illi kienet qed tipprovdi l-post tax-xoghol lir-rikorrent fil-mument tal-allegat incident.*

4. *Illi ukoll minghajr pregudizzju ghas-suespost u fi kwalunkwe kaz, ir-rikorrent kien fil-mument ta' l-incident munit bl-attrezzaturi kollha necessarji ghall-ahjar protezzjoni tieghu fuq il-post tax-xoghol.*

5. *Salv risposta ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti."*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-risposta guramentata;

Rat it-traskrizzjoni tax-xhieda u l-affidavits prezentati mill-partijiet;

Rat id-dokumenti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi;

Rat ir-rapport tal-espert mediku mqabbad minnha Mr Charles Grixti[3] kif ukoll ir-rapport tal-periti perizjuri mqabbdin minnha[4];

Rat in-Noti ta' Sottomissjonijiet skambjati bejn il-partijiet;

---

[3] Fol 54 et seq
[4] Fol 253 et seq

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Fil-kaz tal-lum l-attur qieghed jitlob lill-Qorti ssib lill-konvenuti jew min minnhom responsabbli ghall-korriment tieghu waqt incident fuq il-post tax-xoghol fl-isptar San Luqa, Gwardamangia nhar id-9 ta' Novembru 2009. Huwa qieghed jitlob il-likwidazzjoni u l-hlas ta' danni konsegwenzjali.

Il-konvenut Tabib Principali tal-Gvern jirrespingi l-pretensjonijiet tal-attur billi jichad kwalunkwe tort jew negligenza da parti tieghu ghall-akkadut.

Minn naha l-ohra s-socjeta' konvenuta Industrial Projects and Services Limited ("IPSL") tirribatti illi l-attur mhuwhiex impjegat taghha *ergo* hija mhix legittimu kontradittur ghat-talbiet tieghu, pero' fi kwalunkwe kaz hija ma tahtix ghall-incident *de quo* mhux biss ghax ma kinitx hija li qed tipprovdi l-post tax-xoghol lill-attur fil-mument tal-incident izda wkoll ghax f'dak l-istess moment l-attur kien fornut bl-attrezzaturi kollha necessarji ghas-sigurta' tieghu fuq ix-xoghol.

**Ikkunsidrat:**

Qabel kull konsiderazzjoni ohra l-Qorti sejra tqis **l-eccezzjoni preliminari tas-socjeta' konvenuta IPSL** li tghid hekk:

*"Illi fl-ewwel lok is-socjeta' ntimata mhix il-legittimu kontradittur u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju, u dan peress illi huwa skorrett r-*

*rikorrent jghid illi huwa mpjegat mas-socjeta' mittenti meta in effetti huwa ma hux hekk impjegat. Ir-rikorrent huwa mpjegat tas-servizz pubbliku."*

Mill-atti jirrizulta li l-attur gie ngaggat fis-servizz pubbliku fid-29 t'Awissu 1986 u hadem f'diversi Dipartimenti tal-Gvern[5]. B'effett mill-1 t'Ottubru 2003 huwa gie allokat mal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma, liema allokazzjoni giet revokata fl-2009 meta Farrugia rega' gie ri-integrat fic-Civil fil-grad sostantiv tieghu ta' *General Hand* u skont it-termini u kundizzjonijiet prevalenti fis-servizz pubbliku.

Permezz ta' ittra datata 27 t'April 2009, l-attur gie mgharraf illi s-servizz tieghu mal-Korporazzjoni msemmija kien ser jitqies daqs li kieku ghamlu mas-Servizz Pubbliku u li huwa kien ser jibda jwettaq dmirijiet ta' livell tas-salarju li kien qieghed jiehu f'dik l-epoka *"skond kif mehtieg mill-Kap ezekuttiv tal-IPSL*[6]". Din l-ittra giet iffirmata konguntivament minn rapprezentant fi hdan l-ufficcju tal-Prim Ministru u mill-Kap Ezekuttiv tal-IPSL.

**Antonio Zammit**, impjegat fit-taqsima tar-rizorsi umani fl-ufficcju tal-ufficcju tal-Prim Ministru xehed li l-attur–

*"....kien f'perijodu mal-Water Services Corporation, li gie lura mal-Gvern u tpogga taht l-amministrazzjoni tal-I.P.S.L. Issa hemmhekk qed jigi amministrat mid-Direttur jew Chairman ta' l-I.P.S.L*[7]*."*

**Lawrence Mizzi**, Chairman tas-socjeta' konvenuta IPSL xehed hekk[8] -

[5] *History Track Record* a fol 70-71
[6] Fol 29
[7] Fol 68A
[8] Fol 275 et seq

*"Din (IPSL) hi kumpanija tal-Gvern. Fully owned mill-Gvern ta' Malta. Din il-Kumpanija assorbiet fiha dawk l-impjegati li kienu meqjusa bhala surplus mill-Malta Shipyards u wkoll azjendi ohra li huma tal-Gvern.* ***Fl-2009 gew assorbiti wkoll f'din il-kumpanija numru ta' impjegati tal-Water Services Corporation. Pero' dawn l-impjegati a differenza tal-ohrajn, huma ufficjali pubblici. Huma mpjegati tal-Gvern. Qed insemmi dan ghax Mr. Katerinu Farrugia huwa wiehed minn dawn l-impjegati***[9]*. Bhala kumpanija konvenuta kull ma taghmel kienet li thallashom il-paga.*

*Id-decizjoni fejn ghandu jmur jahdem l-impjegat li jkun gie assorbit fil-kumpanija konvenuta kienet mill-OPM, il-personnel office. Qed nirreferi hawn ghall-MPO, Management Personnel Office. M'hijiex decizjoni taghna fejn imorru jahdmu dawn l-impjegati izda tal-MPO. Nikkonferma li ahna nhallsu l-paga lil dawn l-impjegati, il-basic pay. L-overtime jithallas mid-dipartiment fejn l-impjegat ikun qieghed jaqdi d-doveri tieghu. Id-dipartiment ihallas lilna biex ahna ninkludu dak il-hlas mal-paga tal-impjegat."*

Mizzi kompla jispjega li fir-rigward tal-attur u mpjegati ohra fl-istess kategorija tieghu, l-IPSL hija marbuta bil-ftehim kollettiv li japplika ghall-impjegati tac-civil. Anke ghal dik li hi procedura ta' dixxiplina japplikaw ir-regoli tal-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku. Ix-xhud insista li –

*"L-impjegati, meta jigu detailed f'post partikolari, huma r-responsabbilta' tad-dipartiment illi jkun qieghed jaghmel ix-xoghol ghalih l-impjegat. Meta nibaghtu n-nies tal-kumpanija biex jahdmu f'postijiet differenti, nghidulhom illi jridu jiehdu hsieb tas-sahha u s-sigurta' tal-impjegat*[10]*."*

[9] Tipa grassa b'enfasi tal-Qorti
[10] Fol 276

Qal ukoll li –

*"Ahna bhala kumpanija ghandna l-budget taghna. L-impjegati ma jigux l-ufficcju taghna. Ahna sempliciment naghmlu deployment. Id-Dipartiment jgharrfuna b'vacancies li ghandhom. Ahna naraw xi snajja jkollu l-impjegat u ahna naghtuhom id-detail. Fejn imur l-impjegat ahna niddeciedu. F'dan il-kaz kien il-Management Personnel Office li ddecieda illi s-sur Katerinu Farrugia flimkien ma' shabu jintbaghtu jahdmu fl-isptar.*

*[.....]*

*Amministrattivament nikkonferma illi jaqa' tahtna s-Sur Farrugia…….*

*[.....]*

*Ahna kull ma naghmlu hu nohorgulu l-paga lil Katerinu. That's it. Jekk Katerinu ma jibqax ta' bzonn fid-Dipartiment tas-Sahha, irridu niddeciedu fejn se nibaghtuh ghax ahna xogholna hu li hadd ma joqghod ihares."*

Id-dokument tal-FS 3 (*Final Settlement System*) tal-attur jirreferi ghall-IPSL fit-taqsima tal-*Payer Information*[11].

**Claudio Tonna**, *Ministry Program Coordinator* fil-Ministeru tal-Energija u s-Sahha xehed li[12] –

*"L-IPSL…..taghti servizz lil diversi entitajiet tac-Civil….Mhux l-ewwel darba illi entita' tal-Gvern taghmel talba ghal xi nies minghand din il-kumpanija.*

[11] Fol 76
[12] Fol 260 et seq

*Jiena nikkonferma illi dawn in-nies tal-IPSL li jigu assenjati biex jaghmlu xoghol f'entitajiet differenti tal-Gvern, ezempju f'dan il-kaz St.Lukes, dawn tista' tghidilhom li huma seconded. Pero' l-paga taghhom ma tithallasx mid-Dipartiment tas-Sahha. Hemm il-budget li ghandha l-IPSL. Ghalkemm huma seconded, id-Dipartiment tas-Sahha f'dan il-kaz ma jaghmel l-ebda hlas lil IPSL. Ahna mbaghad pero' jekk ikun hemm overtime, irridu nhallsu lill-impjegat li jkun qed jaghtina s-servizz."*

Senjatament izid hekk:

*"Jiena nifhem u nemmen illi Katerinu ma hax l-ordni tax-xoghlijiet li kien qed jaghmel meta wegga' minghand l-IPSL izda minghand id-Dipartiment tas-Sahha.* ***Ix-xoghol kien qieghed isir gewwa St. Lukes meta wegga' hu u hemmhekk jaqa' taht ir-responsabbilta' tad-Dipartiment tas-Sahha***[13]*.*

*[….]*

*Hu l-ufficjal tad-Dipartiment tas-Sahha illi jkun assenja x-xoghol li kien qieghed jaghmel Katerinu gewwa l-isptar St Lukes."*

**Alexander Buhagiar**, *Project Manager* mad-Dipartiment tas-Sahha xehed hekk[14] -

*"Ix-xoghol tieghi kien illi niehu hsieb in-nies kollha li kien hemm go Saint Luke's dak iz-zmien u l-progetti kollha godda li jistghu jinqalghu u li qed isiru niehu hsieb li jinbdew u jispiccaw.*

[13] Tipa grassa b'enfasi tal-Qorti
[14] Fol 294

*Av. Spiteri Bailey: Sewwa. Meta tghid tiehu hsieb, korrett jiena nghid illi tkun qed tiehu hsieb il-lok, jigifieri tkun qed tiehu hsieb l-equipment illi taghti, tkun qed tiehu hsieb tara kemm nies detailed biex jaghmlu dak ix-xoghol, tkun qed tiehu hsieb tara li ghandhom l-apparat kollu illi ghandhom bzonn biex jahdmu? Korrett jien f'dan kollu li qed nghid?*

*Xhud: Nahseb li iva ehe."*

*[….]*

*Av. Ian Spiteri Bailey: Il-haddiema illi kienu qed jahdmu fuq dan il-progett partikolari, kienu haddiema, min qabbadhom jaghmlu dan ix-xoghol?*

*Xhud: Id-dipartiment hu, tahomli biex jahdmu dan it-tip ta' xoghol.*

*Av. Spiteri Bailey: Meta qed tghid "tahomli"…..min ikun tahomlok?*

*Xhud: Is-Sur Church mill-head office li kien id-direttur tieghi awtomatikament kien icempilli, jghidli, isma' ghandi dan it-tip ta' haddiema, ghandna bzonn naghmlu hekk hekk u hekk, indahhluhom, naraw kif nibdew….Jien nghidilhom ir-regolamenti x'nista' nqabbadhom u affarijiet u jekk jaccettaw l-affarijiet u hekk l-affarijiet kienu jibdew jahdmu, mil-lum ghal ghada."*

*[…..]*
***Av. Spiteri Bailey: Pero' x-xoghol kien tad-Dipartiment tas-Sahha.***

***Xhud: Iva.***

***Av. Spiteri Bailey: U meta tghidli jkun bghatlek il-haddiema, imbaghad fejn jigu detailed jigifieri fejn se jahdmu jekk hux fuq dawn il-balavostri jew hux Karen Grech jew hux band ohra, dak kont tiddecidieh inti.***

***Xhud: Iva.***

***Av. Spiteri Bailey: Skont il-progetti li jkollkom.***

***Xhud: Iva***[15]*.”*

Kif inghad minn din il-Qorti stess fil-kaz **Pauline MacDonald vs Medistar Healthcare Services Limited et**[16] **deciz fit-28 ta’ Settembru 2016 -**

*“Il-kriterji li jirrendu parti f’kawza bhala legittimu kontradittur jirrizultaw ben cari mill-gurisprudenza:*

***Focal Maritime Services Company Limited vs Top Hat Company Limited*** *deciza fid-9 t’April 2008 mill-Qorti tal-Appell**:***

*“In linea ta’ prinċipju ġenerali huwa, bla dubju, indiskuss illi d-deduzzjoni ta’ konvenut f’ġudizzju trid, neċessarjament, titwieled minn rapport ġuridiku, sija jekk dan jemani minn kuntratt, leżjoni ta’ dritt minn intervent delittwuż jew akwiljan, ope successionis jew minn sitwazzjonijiet strutturalment komuni (ad eżempju, f’kondominju jew il-krejazzjoni ta’ ċerti servitujiet). Li jfisser, b’konsegwenza, illi kawża ma tkunx tista’ tikkonsegwi l-iskop tagħha jekk mhux*

[15] Tipa grassa b’enfasi tal-Qorti
[16] Rik Gur 700/14

*fil-konfront ta' dak li miegħu l-attur, għal xi waħda mill-konnessjonijiet aċċennati, għandu relazzjoni ġuridika.*

*Fil-kaz fl-ismijiet* ***Edgar Urpani pro et noe vs Continental Meat Co. Ltd deciz fit-23 t'Ottubru 2009***[17] *intqal hekk:*

*"Huwa ben risaput illi, u apparti mill-operat tal-ligi, il-kostituzzjoni in gudizzju ta' parti mharrka tinsel minn qaghda ta' rapport guridiku precedenti, sija kontrattwali, extra-kontrattwali, delittwuz jew akwiljan. Ara Artikolu 959 Kodici Civili. Dan necessarjament ifisser illi l-azzjoni proposta jrid ikollha bejn il-partijiet konnessjoni ma' l-oggett jew it-titolu tal-kawza."*

*Illi inoltre l-gurisprudenza tkompli hekk:*

*"**Ghal fini tal-valutazzjoni ta' l-integrita` tal-kontradittorju rigward irid isir b'mod esklussiv ghal dak prospettat mill-attur bit-talba tieghu. Dan ghaliex il-kontradittorju hu determinat fuq il-bazi tad-domanda proposta**[18]." **(Avukat Dr Aaron Mifsud Bonnici noe vs European Institute of Education Limited)**[19]."*

Fl-isfond tal-principji appena elenkati, jemergi illi fl-epoka tal-incident l-attur kien meqjus bhala **mpjegat tac-civil** u mhux ta' IPSL u kien suggett ghar-regoli applikabbli ghas-Servizz Pubbliku. Amministrattivament pero' kienet l-IPSL (bhala kumpanija tal-Gvern b'personalita' guridika distinta u separata) li, wara li tircievi rikjesti ghal xoghlijiet mehtiega minn Dipartimenti tal-Gvern, tassenja lill-attur f'dawn id-Dipartimenti sabiex jaghmel ix-xoghlijiet mitluba skont il-hiliet tieghu. Huwa pacifiku wkoll li l-paga tal-attur hija mhallas mill-IPSL.

[17] Rik 1758/99 Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri)
[18] Tipa grassa u sottolinear b'enfasi tal-Qorti
[19] (Nru 777/06) Deciz 13 ta' Marzu 2009 mill-Qorti ta' l-Appell

Certament ghalhekk illi bejn l-attur u l-IPSL tezisti relazzjoni guridika ghal dik li hija assenjazzjoni tal-post fejn ghandu jsir ix-xoghol u ghall-hlas tal-paga.

Izda l-kawzali u t-talbiet imressqa mill-attur quddiem din il-Qorti jirrigwardaw materja diversa u cioe' talbiet intizi li jistabilixxu r-responsabbilta' ghall-incident li fih huwa wegga' fuq il-post tax-xoghol u l-hlas tad-danni li subiti.

Ghall-fini tal-kaz odjern ghalhekk ir-relazzjoni guridika li tghodd hija dik bejn l-attur u min kien legalment responsabbli ghas-sahha u s-sigurta' tieghu fuq il-post tax-xoghol waqt il-hin tal-incident u fil-lok tal-incident *de quo*.

Huwa car mix-xhieda estensiva citata illi mill-mument li l-attur gie assenjat mill-IPSL biex jaghmel ix-xoghol rikjest mid-Dipartiment tas-Sahha, kien dan l-istess Dipartiment illi ddecieda u assenjalu d-doveri specifici biex jaghmel xoghol fil-balavostri fil-lok indikat mill-istess Dipartiment gewwa l-isptar San Luqa. Di piu', kif ammess minn Alexander Buhagiar ghan-nom tad-Dipartiment tas-Sahha, kien l-istess Dipartiment li jiehu hsieb li jghaddi l-apparat mehtieg lill-haddiema koncernati.

Kif intqal mill-Qorti tal-Appell fil-kaz **Alfred Mizzi vs Sullivan Martime Limited et deciz fit-30 t'Ottubru 2015**[20] **-**

*"Is-senior administrator tal-Malta Maritime Authority, li tmexxi x-xoghol fil-port, qal, u dan mhux kontestat, li hu l-agent li jordna n-nies; hu l-agent li jinforma lill-istevedore foreman li hemm xoghol xi jsir abbord il-vapur, u minn hemm 'il quddiem il-foreman jorganizza kemm ikun mehtieg li jitilghu haddiema.* ***<u>Dawn il-haddiema, maghzula biex jahdmu fuq il-vapur, ma jkunux impjegati tal-agent, pero` jkun l-agent li jitlob l-assistenza taghhom; ikun hu</u>***

[20] Cit Nru 898/04

***li jqabbadhom u jibghathom fuq il-lant tax-xoghol, u bhala konsegwenza ghandu dmir u obbligu li jara li l-ambjent tax-xoghol ikun sikur u hieles minn kull perikolu***[21]***.***

*Din ir-responsabbilt' ma hijiex dipendenti fuq relazzjoni kuntrattwali ta' bejn employer u employee, u dan kif osservat espressament din il-Qorti fil-kawza* ***Mallia v. Cortis noe*** *deciza fis-7 ta' Ottubru 1996. Kif kompliet App. Civ. 898/04 tispjega il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza* ***Spiteri v. Malta Freeport Terminals Ltd et*** *deciza fil-5 ta' Ottubru 2007:*

*"Kif qalet il-Qorti fis-sentenza P.A.* **Benjamin Sammut vs Meli Bugeja Co. Ltd** *10/7/2006 ir-responsabbiltà ghal incidenti fuq il-post tax-xoghol ma tqumx biss mir-relazzjoni ta' bejn haddiem u min ihaddmu. Meta l-ambjent tax-xoghol qieghed taht il-kontroll ta' min jaghti x-xoghol, dan ghandu dmir illi jaghmel dak li hu ragonevolment mehtieg u prattiku biex jelimina jew, ghallinqas, inaqqas il-perikoli u r-riskji ghal dawk li hu jqabbad biex jaghmlu xoghol fl-interess tieghu f'dak l-ambjent. Il-kriterju ghalhekk, huwa jekk il-post tax-xoghol huwiex taht il-kontroll ta' min jaghti x-xoghol."*

***Darba s-socjeta` Sullivan Maritime Limited talbet hi li jsir xoghol fuq bastiment li taghha kienet agent, tidhol responsabbli biex tara' li l-haddiema li se jaghmlu xoghol inkarigat minnha u fejn tordna hi, ma jkunux f'riskju ta' hsara. Kienet hi li talbet is-servizzi ta' haddiema ghax-xoghol taghha, u allura, f'dak il-mument, tassumi obbligu ghall-inkolumita` tal-haddiema, li tista' tghid saru "taghha"***[22]***."***

Zgur ghalhekk li ghal fini ta' din il-kawza, anke jekk l-attur ma kienx direttament impjegat mal-konvenut Tabib Ewlieni tal-Gvern, xorta nibtet din ir-

[21] Tipa grassa u sottolinear b'enfasi tal-Qorti
[22] Tipa grassa b'enfasi tal-Qorti

relazzjoni guridika bejn l-attur u l-konvenut Tabib Principali tal-Gvern (li jaghmel parti mid-Dipartiment tas-Sahha) ghal dak li jirrigwarda x-xoghol li kien qieghed isir gewwa l-isptar San Luqa fuq rikjesta ta' dan il-konvenut. Dan bir-responsabbiltajiet kollha li timponi l-ligi fuq il-partijiet koncernati ghal dik li hi sahha u sigurta' fuq il-post tax-xoghol. L-IPSL hija meqjusa estranea ghall-mertu specifiku tal-kaz ghax ma kellha ebda rwol fuq il-lant tax-xoghol fl-isptar San Luqa u m'ghandhiex konsegwentement tirrispondi ghall-lanjanzi mressqa mill-attur.

Kif inghad fil-kaz citat mis-socjeta' konvenuta stess **Raymond Zarb vs Industrial Projects Services Limited et** deciz fis-26 ta' Mejju 2016[23] -

*"24.0.**L-eccezzjoni dwar il-Legittimu Kontradittur:***

*24.1. Illi s-socjeta` intimata Industrial Projects Services Limited issostni li hi estranea ghall-procedura in dizamina stante li dakinhar tal-incident ir-rikorrenti kien assenjat biex jippresta s-servizzi tieghu lill-Ministeru ghat-Turizmu u l-Kultura, (ara foll 69);*

*24.2. Illi f'dan ir-rigward ghalhekk irid jigi stabbilit min mill-intimati kellu d-dover li jizgura li l-ambjent lavorattiv tar-rikorrenti fil-mument tal-incident kien fi stat ragjonevoli ta' sikurezza kif statutorjament rikjest;*

*24.3. Illi f'dan ir-rigward **il-Prim' Awla tal-Qorti Civili, flismijiet Benjamin Sammut vs. Meli Bugeja & Company Limited**, datata t-18 ta' Jannar, 2008, issosstni s-segwenti:*

*".... meta l-ambjent tax-xoghol qieghed taht il-kontroll tieghu, minn jaghti x-xoghol ghandu dmir illi jaghmel dak li hu ragonevolment mehtieg u prattiku biex jelimina jew, ghallinqas, inaqqas il-perikoli u r-riskji ghal dawk li hu jqabbad biex jaghmlu xoghol fl-interess tieghu f'dak l-ambjent. Il-kriterju ghalhekk, fil-fehma ta' din il-qorti, huwa jekk il-post tax-xoghol huwiex taht il-kontroll ta' minn jaghti x-xoghol";*

*24.4. Illi fid-dawl tas-suespost id-dover fuq riferit jinkombi fuq min ikollu l-kontroll tal-ambjent fejn ikun qieghed isir ix-xoghol fejn isehh l-incident li ghalhekk ikun ukoll illegittimu kontradittur biex jirrispondi ghat-talbiet fir-rigward;*

[23] Rik 765/08 (appell pendent)

*24.5. Illi fil-kaz in dizamina allura, ghandu jkun pacifiku li hu d-dover tas-socjeta` fejn ir-rikorrenti gie assenjat li jahdem, senjatament kif rapprezentata mill-kjamati in kawza:*

*24.5.1. Illi tipprovdi ghas-sigurta` u inkolumita` tar- rikorrenti maghha assenjat;*

*24.5.2. Illi tipprovdi lill-istess rikorrenti dak l-ilbies meqjus necessarju biex tassigura l-istess sigurta` u inkolumita`;*

*24.5.3. Illi tipprovdi ambjent sigura skont l-oghla kriterji statutorjament imposti fir-rigward;*

*25. Illi in effetti jirrizulta assodat li l-kjamati in kawza pprovdew dak kollu necessarju biex jintlahqu dawn l-hinijiet, (Ara foll 70);*

*26. Illi di piu`, jirrizulta wkoll mill-istess analizi tal-provi prodotti li l-post tax-xoghol fejn sehh l-incident kien ghalhekk esklussivament taht il-kontroll tal-kjamati in kawza u li s-socjeta` intimata Industrial Projects Services Limited tirrizulta ghal kollox estranea ghall-akkadut;*

*27.0. Illi konsegwentement:*

*27.1. Kien id-dmir tal-kjamati in kawza li jaffettwaw ir-"risk assessment" in dizamina;*

*27.2. Kien id-dmir tal-istess kjamati in kawza li jidentifikaw il-perikoli involuti;*

*27.3. Kien finalment ukoll id-dmir tal-istess kjamati in kawza li jaghmlu dak ragonevolment mehtieg minnhom biex jelimina, Jew ghallinqas, inaqqsu l-perikoli riskontrati;*

***DECIDE:***

*28.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li s-socjeta` intimata Industrial Projects Services Limited ipprovat din l-eccezzjoni preliminari minnha sollevata, u konsegwentement:*

*28.1. Takkolji din l-eccezzjoni preliminari tas-socjeta` intimata;*

*28.2. Tiddikjara ghalhekk li l-istess socjeta` intimata mhiex illegittimu kontradittur fil-procedura odjerna;*

*28.3. Illi ghaldaqstant, tilliberah lis-socjeta` intimata mill-osservanza tal-gudizzju;"*

Il-Qorti tikkondividi pjenament mal-insenjament ta' din is-sentenza u ghalhekk ser taghmel taghha l-istess *ratio decidendi*. Fil-kaz tal-lum huwa biss il-konvenut Tabib Principali tal-Gvern li ghandu jwiegeb ghall-pretensjonijiet tal-attur.

**L-ewwel eccezzjoni preliminari tas-socjeta' konvenuta ghalhekk sejra tintlaqa'.**

**Ikkunsidrat:**

**<u>Mertu</u>**

1. **Id-dinamika tal-incident**

**L-attur** xehed fid-dettal dwar dak li ghadda minnu nhar id-9 ta' Novembru 2009. Huwa qal hekk[24] –

*"……kont qieghed xoghol, nahdem fuq barra ta' Schedule 5 gewwa l-isptar San Luqa peress li jien flimkien ma' certu Godwin Attard u Karmenu Vella konna qed nibdlu l-balavostri ta' quddiem l-Iscehdule 5 li ghadni kif semmejt. Dan kien parti mix-xoghol taghna dak inhar. Nispjega li f'din l-area fejn kont qed nahdem, hemm tarag vicin u tahtu hemm rampa li qeghda xi tliet filati aktar 'l isfel minn dan it-tarag. Tlajt fuq il-pjan ta' fejn it-tarag li semmejt peress li dak il-hin il-balavostri tat-tarag kienu ghadhom qed jitpoggew. X'hin tlajt u mort hdejn shabi, zlaqt quddiemhom u waqajt ghal isfel (gholi ta' dawn it-3 filati li semmejt) ghaliex kien hemm iz-zlieq peress li kien hemm it-tajn u apparti minn hekk, dakinhar kienet ghamlet ix-xita qabel ma beda x-xoghol u gejt direttament fuq spallti tax-xellug b'idi x-xellugija tahti. Niftakar li dan l-incident sehh ghall-habta ta' nofsinhar peress li kien wasal hin il-break.*

*[….]*

*Kif spiccajt mal-art, naf li gabruni, poggewni bil-qieghda u gabuli kafe' biex nistejqer peress li kont qed nghajjat bl-ugiegh u ghajjtu ambulanza. Nghid li l-ambulanza ma damitx ma waslet u minn hemm haduni l-emergenza f'Mater Dei."*

[24] Fol 36

**Carmel Vella**, wiehed miz-zewg kollegi li kienu qed jahdmu mal-attur waqt l-incident, xehed hekk[25] –

*"Nispjega li f'din l-area fejn konna qed nahdmu, hemm tarag vicin u tahtu hemm rampa li qieghda xi tliet filati aktar l'isfel minn dan it-tarag. Jien u Godwin bqajna isfel taht dan it-tarag li semmejt filwaqt li Katerinu tela' fuq il-pjan ta' fejn it-tarag li semmejt peress li dak il-hin il-bolavostri tat-tarag kienu ghadhom qed jitpoggew. X'hin tela', wara ftit, smajt hoss kbir u rajt lil Katerinu mal-art ghaliex kien waqa' ghal isfel biex gie hdejna. Niftakar li dakinhar kien hemm iz-zlieq peress li kienet ghamlet ix-xita aktar kmieni fil-gurnata qabel ma beda x-xoghol. Mal-hoss tal-waqa' tieghu, kien Godwin li mar l-ewwel fuq Katerinu biex jara jekk weggax u jekk kellux bzonn l-ghajnuna. Jien segwejtu u mort hdejh ukoll. Kif rajtu mimdud fuq genbu b'idu x-xellugija tahtu mill-ewwel indunajt li kellu bzonn l-ghajnuna medika ghaliex idejh kienet vizwalment tidher li miksura. Godwin qallu biex ma jcaqlaqx idu, poggejnih bil-qieghda u gibnilu kafe' biex jistejqer peress li kien qed jghajjat bl-ugiegh. Naf li konna cempilna wkoll ghall-ambulanza li ma damitx ma waslet u minn hemm hadnih l-emergenza f'Mater Dei. Jien bqajt l-isptar San Luqa biex nigbor u niehu hsieb l-ghodda filwaqt li Godwin mar ma' Katerinu l-isptar Mater Dei."*

Din il-verzjoni hija korroborata mill-kollega l-iehor taghhom **Godwin Attard**[26].

Il-Qorti tqis din il-verzjoni tal-fatti bhala wahda konsistenti u kredibbli u ma tirriskontra ebda konfliggenza kif allegat mill-konvenut Tabib Principali tal-Gvern[27]. Minn dak li ntqal minn dawn it-tlett persuni, bil-ghajnuna vizwali tar-**ritratti tal-lok tal-incident**[28], il-Qorti tifhem li meta l-attur qal li tela u mar hdejn shabu huwa kien qieghed jirreferi ghall-pjan ta' fuq li huwa kien ghadu kemm tela' fih mit-tarag. B'hekk huwa mar hdejhom mill-livell tal-gholi tat-tlett filati minn fejn irrizulta li zelaq u waqa'. Din hi l-istess haga li qalu l-kollegi tieghu. Ma hemm xejn kontradittorju f'dan.

## 2. Dizabilita' permanenti

**L-attur** jghid[29] li meta mmedjatament wara l-incident huwa ttiehed l-isptar bl-ambulanza, it-tabib fit-taqsima tal-emergenza pprova jgiblu l-polz f'postu biex

[25] Affidavit a fol 49
[26] Affidavit a fol 50-51
[27] Nota ta' Sottomissjonijiet a fol 361
[28] Fol 244-247
[29] Fol 36 et seq

ikun jista' jaghmillu l-gibs izda ma rnexxilux. L-attur saritlu *sling* u gie nfurmat li kellu bzonn operazzjoni. Dak il-lejl kien mugugh hafna.

Wara l-operazzjoni l-attur jghid li tpoggewlu hafna hadid u boltijiet (minn barra) biex ma jcaqlaqx idejh u l-polz. L-ugiegh baqa' ma taffiex anke wara li ntbaghat id-dar, anzi zdied. Dam sitt gimghat id-dar fuq *injury leave* u applika ghall-beneficcju ta' korriment mad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali[30].

L-*Industrial Injuries Board* iccertifika li l-attur kien tajjeb ghax-xoghol b'effett mill-25 ta' Dicembru 2009[31].

Minhabba li l-ugiegh ippersista kif ukoll minhabba li ma setax icaqlaq spalltu l-attur irrikorra ghand **l-ispecjalista Mr Jason Zammit** li rrilaxxa rapport datat 3 ta' Novembru 2011. Is-sitwazzjoni tal-attur giet deskritta hekk minn dan il-konsulent:

*"**Current situation***

*Despite intensive physiotherapy Mr Farrugia continues to experience problems in both his left wrist and left shoulder. He complains of decreased grip strength when handling his working tools particularly when working overhead. He also describes his inability to work any overtime hours due to his condition in contrast to his pre-injury situation. An MRI scan of his left shoulder taken on the 17th October 2011 showed a complete rotator cuff tear and he is awaiting consultation with a specialist shoulder surgeon to advise him on how to proceed.*

***Disability***

***As a result of his injury, and considering his job and hand dominance, Mr Farrugia has sustained a permanent disability of 10%**."*

L-attur gie wkoll riferut ghand **Mr John Casalletto**, specjalizzat fl-ispallejn, li minn naha tieghu ezaminah fid-9 ta' Dicembru 2011 u ndika li kellha ssir operazzjoni[32]. Casalletto rega ezamina lill-attur wara l-operazzjoni u f'rapport datat 18 ta' Lulju 2012[33] kiteb hekk dwar il-kundizzjoni tieghu –

*"He did very well following surgery, however he seems that he over done it with physiotherapy and his pain has now recur.*

[30] Fol 6 et sew.
[31] Fol 23
[32] fol 41
[33] fol 42

*On examination today can forward flex to 80 and abduct to 80. I have given him a subacrominal injection. He needs to carry on with Deltoid exercises; however he should not overdo it with physiotherapy."*

Imbaghad, fit-18 ta' Frar 2013[34], Casalletto indika li f'dak l-istadju ma kienx hemm lok ghal opearazzjoni ohra izda jekk fil-futur l-attur kien ser jibqa' jiffacja problemi kellha tigi kunsidrata *"reverse shoulder replacement"*.

L-attur jghid ukoll li –

*"minhabba dan l-incident spiccajt f'sitwazzjoni fejn ghadni mugugh u ghadni ma nistax incaqlaq idejja kif kont naghmel qabel. Nghid ukoll li minhabba l-ugiegh li jkolli, nieqes hafna mill-irqad. Barra minn hekk, dan l-incident kwazi wassalni biex nitlef l-uzu ta' jdejja li tant nuza li hija l-id dominanti u dan peress li fl-id l-ohra u cioe' l-id il-leminija ghandi dizabilita' ta' numru ta' swaba neqsin[35]."*

Shabu tax-xoghol ukoll xehdu dwar il-mobilita' ridotta ta' id l-attur wara l-incident[36]. Huma qalu li anke meta huwa rritorna ghax-xoghol wara l-incident ma setax jaghmel l-istess xoghol li kien jaghmel qabel u kien jinghata *lighter duties*.

L-attur jghid li bhala konsegwenza diretta ta' dan l-incident, eventwalment kellu anke jibdel ix-xoghol tieghu u flok xoghol ta' *maintenance* beda jaghmel xoghol ta' *security guard* wara li ha kors apposta[37].

Fil-11 ta' Gunju 2012, l-attur gie ukoll ezaminat mill-**espert mediku nominat mill-Qorti Mr Charles Grixti** li kkonstata diversi effetti fl-ispalla u l-polz tax-xellug tal-attur b'dana li kkonferma limitazzjonijiet fil-moviment taghhom. Dan l-espert indika wkoll li peress li l-ksur tal-polz kien jinvolvi l-gog, kien hemm il-possibilta' li maz-zmien il-polz jizviluppa l-artrite. L-ispalla ghandha wkoll nuqqas ta' sahha fl-uzu tal-muskoli taghha. Dawn il-limitazzjonijiet jipprekludu lil Farrugia milli jaghmel xoghol strapazzuz. **Dan l-espert ikkonkluda li kagun tal-incident tad-9 ta' Novembru 2009, l-attur sofra dizabilita' ta' 17% (sbatax fil-mija).**

**Il-periti perizjuri Mr Ray Gatt, Mr Carmel Sciberras u Mr Frederick Zammit Maempel**, mahtura mill-Qorti fuq talba tas-socjeta' konvenuta,

---

[34] fol 78
[35] Fol 37
[36] Affidavits ta' Carmel Vella u Godwin Attard a fol 49 u 50 rispettivament
[37] Fol 37

ezaminaw lill-attur fid-9 ta’ Lulju 2014. Il-konkluzjoni tar-rapport redatt minnhom tghid hekk[38] -

*“Ahna ezaminajna lis-Sur Farrugia 55 xahar wara l-incident. Huwa garrab ksur ta’ l-ghadma tal-polz li ghaqdet pero’ halliet irregolarita’ fil-wicc tal-gog li huwa risponsabbli ghal nuqqas sostanzjali ta’ movement f’dan il-gog. Biz-zmien dan il-gog irabbi l-artrite. Farrugia garrab ukoll ticrita sostanzjali fil-muskoli li jharrku lis-spalla xellugija. Ghalkemm dawn kienu mehjutin, jidher li l-funzjoni taghhom ma gietx restitwita w aktarx li regghu ccartu ma l-uzu tad-driegh.* ***Dan in-nuqqas ta’ zewg gogi fid-driegh dominanti tieghu hallewh b’dizabilita’ permamenti stmata ta’ 21% (wiehed u ghoxrin fil-mija)****.”*

## 3. Responsabbilta’ ghall-incident tad-9 ta’ Novembru 2009

**L-artikolu 1033 tal-Kodici Civili** jipprovdi hekk:

*“Kull min, bil-ħsieb jew mingħajr ħsieb li jagħmel deni, għax ikun irid jew b’nuqqas ta’ diliġenza, ta’ prudenza jew ta’ ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa ii biha jikser xi dmir impost mil-liġi, hu obbligat għall-ħlas tal-ħsara li tiġri minħabba f’hekk.”*

L-attur isostni li l-incident de quo sehh minhabba negligenza, imperizja u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tas-sahha u sigurta’ fuq il-post tax-xoghol da parti tal-konvenuti.

Minhabba li, kif inghad, huwa l-konvenut Tabib Principali tal-Gvern li ghandu jwiegeb ghall-lanjanzi attrici, l-Qorti sejra tevalwa l-obbligi li kellhom jigu osservati minn dan il-konvenut skont il-ligi u x’kienu l-mizuri li ttiehdu jew ma ttiehdux minn dan il-konvenut fuq il-lant tax-xoghol fejn kien qed jahdem l-attur fl-epoka tal-incident. Jehtieg jigi evalwat ukoll x’kienu l-obbligi tal-attur bhala haddiem u jekk l-incident giex kawzat b’nuqqasijiet da parti tieghu u dan in vista ta’ l-allegat kontribur espost fin-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ l-intimat Tabib Principali tal-Gvern .

**L-Att dwar l-Awtorita’ ghas-Sahha u s-Sigurta’ fuq il-Post tax-Xoghol (Kap 424 tal-Ligijiet ta’ Malta)** jobbliga lil min ihaddem biex jiggarantixxi ambjent sikur ghas-sahha u s-sigurta’ tal-impjegati tieghu kif ukoll li jforni lill-impjegati tieghu bil-mezzi kollha u bl-apparat necessarju ghal dan il-ghan.

[38] Fol 253 et seq

Fl-artikolu 6 tieghu, dan l-Att jestabilixxi li –

***"6.** (1) Min iħaddem għandu dejjem jiżgura s-saħħa u s-sigurtà tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol li jkun qiegħed isir għal dik il-persuna li tħaddem:*

*Iżda meta fit-twettiq ta' dak hawn aktar qabel imsemmi, min iħaddem jagħmel użu minn servizzi jew persuni kompetenti minn barra, min iħaddem ma jkunx meħlus mid-dmirijiet applikabbli li joħorġu minn dan l-Att u mir-regolamenti magħmulin taħt dan l-Att:*

*Iżda wkoll l-obbligi tal-ħaddiema fil-qasam tas-saħħa u tas-sigurtà fuq il-postijiet tax-xogħol ma għandhomx jaffettwaw il-prinċipju tar-responsabbiltà ta' min iħaddem.*

*(2) Il-miżuri li għandhom jittieħdu minn min iħaddem biex jevita dannu fiżiku u psikoloġiku, korriment jew mewt, fuq il-postijiet tax-xogħol, għandhom jittieħdu fuq il-bażi ta' dawn il-prinċipji ġenerali ta' prevenzjoni li ġejjin, jiġifieri –*

*(a) li jiġi evitat riskju;*

*(b) l-identifikazzjoni ta' perikli assoċjati max-xogħol;*

*(ċ) l-evalwazzjoni ta' dawk ir-riskji li ma jistgħux jiġu evitati;*

*(d) il-kontroll mill-bidu ta' dawk ir-riskji li ma jistgħux jiġu evitati;*

*(e) li jittieħdu l-miżuri neċessarji kollha biex jirriduċu r-riskju kemm ikun raġonevolment prattiku, inkluż li jitbiddel dak li huwa perikoluż b'dak li ma jkunx perikoluż jew li jkun anqas perikoluż;*

*(f) billi tingħata prijorità lill-miżuri ta' protezzjoni kollettivi fuq miżuri ta' protezzjoni individwali;*

*(g) li jiġi adattat ix-xogħol għall-ħaddiem, partikolarment għal dak li għandu x'jaqsam mal-iddisinjar ta' postijiet tax-xogħol, l-għazla ta' tagħmir tax-xogħol u l-għażla ta' metodi ta' produzzjoni u ta' xogħol, u*

*partikolarment sabiex jiġi mnaqqas xogħol monotonu u xogħol li jkollu rata ta' xogħol stabbilita minn qabel, u biex jitnaqqas l-effett tagħhom fuq is-saħħa;*
*(ħ) billi wieħed jaddatta ruħu għall-progress tekniku fl-interess tas-saħħa u tas-sigurtà fuq il-post tax-xogħol; u*
*(i) billi tiġi żviluppata policy ta' prevenzjoni globali u loġika li tkopri it-teknoloġija, l-organizzazzjoni ta' xogħol, il-kundizzjonijiet ta' xogħol, ir-relazzjonijiet soċjali u l-influwenza ta' fatturi li għandhom x'jaqsmu mal-ambjent tal-post tax-xogħol.*
*(3) Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tas-subartikolu (2), min iħaddem għandu jipprovdi dik l-informazzjoni, dak it-tagħlim, dak it-taħriġ u dik is-superviżjoni li huma meħtieġa biex tiġi żgurata s-saħħa u s-sigurtà fuq il-postijiet tax-xogħol.*
*(4) Min iħaddem għandu jiżgura li f'dawk il-postijiet tax-xogħol fejn jaħdem għadd suffiċjenti ta' ħaddiema, għandhom jiġu eletti, magħżulin jew mod ieħor nominati, persuna jew persuni bħala r-Rappreżentant jew ir-Rappreżentanti għas-Saħħa u s-Sigurtà tal-ħaddiema, u liema rappreżentanti jiġu konsultati minn qabel u fi żmien raġonevoli minn min iħaddem dwar dawk il-ħwejjeġ li jistgħu jaffettwaw is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol."*

**L-Avviz Legali 36 tal-2003 intitolat "Regolamenti dwar Dispozizzjonijiet Generali dwar is-Sahha u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xoghol"** ikompli hekk -

**4.** *(1) Ghandu jkun id-dmir ta' min ihaddem li jizgura s-sahha u s-sigurtà tal-haddiema f'kull zmien u f'kull aspett li ghandu x'jaqsam max-xoghol.*
*(2) Min ihaddem ghandu jaghmel dawk l-arrangamenti xierqa ghall-ippjanar effettiv, organizzazzjoni, kontroll, monitoragg u revizjoni tal-mizuri preventivi u protettivi, waqt li jikkunsidra n-natura ta' l-attivitajiet u d-daqs ta' l-impriza.*
*(3) Min ihaddem ghandu jiehu l-mizuri necessarji ghas-salvagwardja tas-sahha u s-sigurtà fuq il-post tax-xoghol, u ghal dan il-ghan ghandu jippreveni riskji*

*fuq il-post tax-xoghol u jipprovdi informazzjoni u taghrif kif mehtieg: Izda ghal dawn l-ghanijiet, min ihaddem ghandu jipprovdi l-organizazzjoni u l-mezzi necessarji li bihom jizgura l-grad ta' standards ta' sahha u sigurtà mehtiega fuq il-post tax-xoghol:*

*Izda wkoll, bl-ghan li jitjiebu s-sitwazzjonijiet ezistenti, min ihaddem ghandu jkun attent ghall-bzonn ta' aggustament jew emenda ta' dawk il-mizuri mehuda biex jipprotegu s-sahha u s-sigurtà tal-haddiema waqt li jikkunsidra c-cirkostanzi li jinbidlu.*

**5.** *Minghajr hsara ghall-generalità tad-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, min ihaddem ghandu, wara li jikkunsidra n-natura ta' l-attivitajiet ta' l-impriza u, jew ta' l-istabbiliment –*

*(a) jidentifika l-perikli fuq il-post tax-xoghol u ghandu jevita riskji ghas-sahha u s-sigurtà;*

*(b) jevalwa dawk ir-riskji ghas-sahha u s-sigurtà tal-haddiema li ma jistghux jigu evitati u ghandu jikkontrollahom mill-bidu;*

*(c) jadatta x-xoghol ghall-individwu, specjalment fejn jidhol id-disinn tal-postijiet tax-xoghol, l-ghazla tat-taghmir tax-xoghol u l-ghazla tal-metodi tax-xoghol u tal-produzzjoni, bil-hsieb partikolarment li jitnaqqas ix-xoghol monotonu u xoghol b'rata determinata minn qabel u li jitnaqqas l-effett taghhom fuq is-sahha."*

*[….]*

***18. (1) Min ihaddem ghandu jizgura li <u>haddiema temporanji</u> jinghataw l-istess livell ta' protezzjoni tas-sahha u s-sigurtà fuq il-post tax-xoghol bhal dak ta' haddiema ohrajn fl-impriza u, jew l-istabbiliment li taghmel uzu minnhom, u ghal dan il-ghan ghandu jibqa' responsabbli, ghat-tul taz-zmien***

***tal-bicca xoghol, ghall-kundizzjonijiet konnessi mas-sahha, s-sigurtà u l-igene fuq ix-xoghol li jirregolaw il-prestazzjoni tax-xoghol.***

***Izda l-ezistenza ta' relazzjoni ta' mpjieg li tkun partikolari jew specifika ghal haddiem minhabba li jkun haddiem temporanju, m'ghandhiex tiggustifika trattament differenti fejn jidhlu l-kundizzjonijiet tax-xoghol fejn ikunu nvoluti l-protezzjoni tas-sahha u s-sigurtà, specjalment fejn jidhol l-access ghat-taghmir protettiv personali.***

*(2) Min ihaddem ghandu jipprovdi lill-haddiema temporanji b'informazzjoni li tinftihem dwar-*

*(i) kwalifiki tax-xoghol jew sengha mehtiega li jkollu haddiem sabiex ikun jista' jahdem minghajr periklu; u*

*(ii) is-sorveljanza tas-sahha li jehtieg; tinghata taht dawn ir-regolamenti jew taht xi regolamenti ohrajn mahruga taht l-Att;*

*(iii) il-fatturi specifici tax-xoghol li ser jinghata lill-haddiem temporanju, inkluzi xi riskji specifici addizjonali, fejn dawn il-fatturi jkunu jistghu jaffettwaw is-sahha u s-sigurtà fuq il-post tax-xoghol;*

*Izda din l-informazzjoni ghandha tinghata lill-haddiem temporanju qabel ma jibda d-dmirijiet tieghu. Izda wkoll, fejn ikun indikat minhabba xi riskji ghas-sahha u s-sigurtà li johorgu jew ikunu prezenti fix-xoghol li ghalih il-haddiem temporanju jkun gie assenjat, min ihaddem ghandu jipprovdi bizzejjed taghrif xieraq skond il-karatteristici partikolari tax-xoghol, waqt li jikkunsidra l-kwalifici u l-esperjenza tal-haddiem temporanju."*

L-istess Att jipprovdi wkoll dwar **id-dmirijiet u l-obbligi tal-haddiema** -

***7.*** *(1) Huwa d-dmir ta' kull ħaddiem li jissalvagwardja s-saħħa u s-sigurtà tiegħu nnifsu kif ukoll dik ta' persuni oħra li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol li jkun qiegħed isir.*

*(2) Huwa d-dmir ta' kull ħaddiem li jikkoopera ma' min iħaddem u mar-Rappreżentant jew Rappreżentanti għas-Saħħa u s-Sigurtà tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol għal dak li għandu x'jaqsam mas-saħħa u s-sigurtà."*

**L-Avviz Legali 36 tal-2003** imsemmi jkompli hekk:

***"15.*** *(1) Ghandu jkun id-dmir ta' kull haddiem li jiehu hsieb kemm jista' jkun is-sahha u s-sigurtà tieghu stess kif ukoll dawk ta' persuni ohrajn li jistghu jkunu affettwati bl-atti jew nuqqasijiet tieghu skond it-taghrif u l-istruzzjonijiet moghtija minn min ihaddem.*

*(2) Minghajr pregudizzju ghall-generalità ta' dan kollu, ghandu jkun id-dmir tal-haddiem li:*

*(a) jaghmel uzu korrett tal-makkinarju, apparat, ghodda, sustanzi perikoluzi, taghmir tat-trasport u mezzi ohrajn ta' produzzjoni;*

*(b) jaghmel uzu korrett tat-taghmir protettiv personali moghti lilu u, wara l-uzu, jirritornah f'postu;*

*(c) ma jiskonnettjax, jibdel jew inehhi b'mod arbitrarju l-mezzi ta' sigurtà uzati, ma' makkinarju, apparat, ghodda, impjanti u bini, u li juza dawn il-mezzi ta' sigurtà b'mod korrett;*

*(d) jinforma immedjatament lil min ihaddem u, jew lill-haddiema bir-responsabbilità specifika ghas-sahha u s-sigurtà tal-haddiema b'xi sitwazzjoni tax-xoghol li jkollu ragunijiet jikkunsidra li tipprezenta periklu serju u imminenti ghas-sahha u s-sigurtà u b'xi nuqqasijiet fl-arrangamenti ta' protezzjoni;*

*(e) jikkopera ma' min ihaddem u ma' haddiema bir-responsabbilità specifika ghas-sahha u s-sigurtà tal-haddiema, ghat-tul ta' zmien necessarju sabiex jitlesta x-xoghol jew htigijiet imposti mill-Awtorità sabiex jigu protetti s-sahha u s-sigurtà tal-haddiema fuq ix-xoghol;*
*(f) jikkopera ma' min ihaddem u, jew ma' haddiema bir-responsabbilità specifika ghas-sahha u s-sigurtà tal-haddiema, ghat-tul ta' zmien necessarju sabiex min ihaddem jizgura li l-ambjent tax-xoghol u l-kondizzjonijiet tax-xoghol ikunu minghajr periklu u li ma jpoggu l-ebda riskju ghas-sahha u s-sigurtà fil-qasam ta' l-attività taghhom."*

Fil-kaz **Saviour Farrugia vs Korporazzjoni Enemalta deciz fit-18 ta' Marzu 2016**[39] din il-Qorti elenkat rassenja ta' gurisprudenza dwar l-obbligi legali ta' min ihaddem u tal-haddiema -

*"Il-principji legali appena citati gew ripetutament riaffermati mill-Qrati taghna. Il-kaz fl-ismijiet* ***Kenneth Borg vs FXB Joiners Ltd et*** *deciz fis-26 ta' Gunju 2014 jigbor fih sintezi ta' gurisprudenza dwar id-dmirijiet kemm ta' min ihaddem u anke tal-haddiema:*

*"Dak li hu importanti hu, li kif intqal fil-kawza, fl-ismijiet "****John Sultana vs Francis Spiteri et noe****", deciza minn din il-Qorti fit-28 ta' Mejju 1979, "min ihaddem ghandu d-dover li jara li l-post tax-xoghol ikun dejjem fi stat ragonevoli ta' sikurezza ghal min ikun qed jahdem."*

*Gie ritenut ukoll li a safe system of work u a safe working environment ifissru li min ihaddem hu obbligat li jassigura li "l-makkinarju u l-istrutturi provduti minn min jaghti x-xoghol ghandhom jigu regolarment mantenuti u mizmuma*

[39] Rik Gur 852/12

*hielsa minn difetti u mankanzi”* - *“**Julie Scicluna pro et noe vs Sammy Meilaq nomine et”*** *(Citazzjoni numru 11/92DS).*

*Inoltre, gie ndikat li min ihaddem ghandu l-obbligu u d-dmir li jara wkoll li l-haddiema tieghu jkunu mharrga ghat-tip ta’ xoghol li jkunu mqabbda jaghmlu. Il-hsieb legali fil-materja gie spjegat mill-On. Qorti ta' l-Appell fil-kawza bl-ismijiet **“Francis Buhagiar et vs Segretarju tal-Ufficcju tal-President ta' Malta et”** - deciza fid-29 ta' Mejju 2009. Il-Qorti skartat it-tezi li "tezisti xi forma ta' strict liability, jew responsabbilta' oggettiva li tpoggi lill-imghallem li jaghmel tajjeb - billi jerfa’ r-responsabbilta` – tas-sinistru li jkun sehh". Kompliet "Kif tajjeb gie elaborat mill-ewwel Qorti, is-sistema legali taghna dwar responsabbilta` fejn jirrizulta event dannuz hija 'fault-based.' Fi kliem iehor f’kull kaz irid ikun hemm nexus ta’ bejn il-kawza u l-effett ghal dak li jkun gara."*

*Fil-kaz citat, il-Qorti ta' l-Appell osservat li x-xoghol li l-attur/appellant kien gie mqabbad li jaghmel kien jinvolvi xejn riskjuz - ma nghatax attrezzi difettuzi u lanqas kien jirrizulta xi forma ta’ ness bejn l-event dannuz u r-responsabbilta` tal-“employer” talli ma pprovdiex “a safe system of work” lill-impjegat tieghu.*

*Kif gie ritenut mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kaz fl-ismijiet **“Bugeja vs Montanaro Gauci”** - deciza 14 ta’ Mejju 2004, “huwa daqstant importanti fil-kuntest ta’ responsabbilta` lill-ambjent kollu fejn jahdmu l-impjegati jkun tali li jwarrab l-icken possibilita ta’ infortunji fuq ix-xoghol. Dan l-obbligu huwa generalment rikonoxxut bhala dmir tal-employer li jipprovdi “a safe place of work”.*

*Hu daqstant minnu izda, li, min ihaddem, hu obbligat ukoll li jipprovdi kontra l-aljenazzjoni tal-attenzjoni, prudenza u ghaqal li jaqghu fiha l-haddiema u li*

*hafna drabi hi ndotta mill-istess natura tal-attivita` industrijali (ara "***Grech vs Farrugia***", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-7 ta' Dicembru, 1994). Hekk ukoll gie ritenut fil-kawza "***Borg vs Wells***" (deciza mill-Qorti tal-Kummerc fid-9 ta' Settembru 1981) "In planning a system of work, the employer must take into account the fact that workmen become careless in works involved in their daily work" u " dan tenut kont ta' l-atmosfera tax-xoghol, id-diffikultajiet li jsib il-haddiem fil-kors tax-xoghol tieghu, il-hinijiet twal, l-ghaggla fix-xoghol u nuqqas ta' haddiema ohra li jkunu nkarigati biex jahdmu mieghu".*

*Pero' huwa dejjem l-obbligu tal-haddiem li joqghod attent waqt l-ezekuzzjoni ta' xogholu - ghalhekk min ihaddem m'ghandux ikun tenut li jipprovdi kontra negligenza grassa, ghax anke l-haddiem hu mistenni li joqghod attent u juza d-diligenza fuq il-post tax-xoghol. Il-haddiem ghandu jkun konxju tal-perikoli fuq ix-xoghol, u m'ghandux jaghmel manuvri azzardati li jzidu r-riskju tal-hsara (ara "***Sciriha vs O'Flaherty noe***", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-5 ta' Mejju, 1994).*

*Dwar il-provi li jridu jingiebu u l-onu ta' l-istess insibu fil-kaz* ***Raymond Psaila vs Pisciculture Marine de Malte Limited*** *deciza fid-29 ta' Settembru 2011 fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:*

*"Illi bħala punt tat-tluq dottrinali, huwa magħruf li fil-qasam ta' responsabbilta' dwar korriment li jseħħ fuq il-post tax-xogħol waqt il-qadi ta' dmirijiet tal-persuna li tkun, jgħoddu regoli speċjali dwar dak li jiġri meta ħaddiem jew terza persuna ġġarrab inċident bħal dak. Bit-tħaddim tar-regoli 24 Cit Nru 2118/1998 Prim Awla tal-Qorti Civili (mhux appellata) 852/12MH 19 ġenerali tal-liġi dwar ir-responsabbilta' għal dak li wieħed irid iwieġeb għalih minħabba xi għamil jew nuqqas tiegħu, is-sejbien ta' ħtija għal inċident bħal*

*dak jgħabbi lil min ikun qabbad lill-ħaddiem jew lit-terz li jkun, sakemm ma jintweriex li dak il-ħaddiem naqas li joqgħod għall-istruzzjonijiet jew għallprekawzjonijiet li l-imgħallem tiegħu jkun widdbu bihom jew ipprovdielu, jew sakemm ma jintweriex li l-ħaddiem, bi traskuraġni jew b'rieda, ikun hu nnifsu ġab l-effetti tal-inċident b'idejh ;*

*Illi b'żieda ma' dan, hija regola oħra ewlenija f'dan il-qasam, li l-imgħallem irid jiżgura li jipprovdi lill-ħaddiema tiegħu b'sistema xieraq ta' ħarsien minn kull periklu (dak li bosta jsejħulu "a safe system of work") fejn ikun sejjer isir ix-xogħol minnu mitlub. Fid-dritt, dan id-dmir iġorr miegħu grad għoli ta' responsabbilta' fuq l-imgħallem, u jaqa' fuqu l-piż li jipprova li inċident ikun seħħ minkejja li jkun ħares dak kollu li l-liġi tistenna minnu f'dan ir-rigward. Huwa wkoll dmir li jitfa' fuq min iħaddem il-piż li jieħu miżuri preskritti xierqa u jġib miegħu wkoll id-dmir tal-għoti ta' tagħrif meħtieġ, l-għoti ta' tagħlim u taħriġ u kif ukoll superviżjoni biex titħares is-saħħa u s-sigurta' tal-ħaddiem. Huwa stabilit li dan id-dmir ta' min iħaddem jitlob ukoll li s-sistema tax-xogħol li jkun irid iħares lill-ħaddiema wkoll fil-każ li r-rutina tal-istess xogħol tnissel sens ta' aljenazzjoni jew traskuraġni. Daqstant ieħor ifisser li jekk sistema jkun ilu jitħaddem għal tul ta' żmien bla ma qatt ikun inqala' xi inċident, dan ma jfissirx li dak is-sistema huwa wieħed sikur jew li jeħles lill-imgħallem mir-rabtiet imposti fuqu mil-liġi;*

*Illi jrid jingħad ukoll li l-imsemmi grad għoli ta' responsabbilta' fuq min iħaddem ma jeħlisx lil min jaħdem mill-obbligu li jħares is-saħħa u s-sigurta' tiegħu nnifsu u ta' dawk kollha li jistgħu jintlaqtu mix-xogħol li jkun qiegħed iwettaq, u b'mod partikolari, għandu jimxi id f'id ma' min ikun qiegħed iħaddmu safejn jidħlu l-obbligi li l-liġi tqiegħed fuq spallejn l-imgħallem u lawtoritajiet kompetenti u għandu jżomm lura milli jqiegħed lilu nnifsu f'sitwazzjoni li tesponih għar-riskju bla bżonn u li joqgħod f'kull ħin attent għal*

*dak li jkun qiegħed jagħmel. B'mod partikolari, ħaddiem għandu jkun konxju tal-perikli fuq il-lant tax-xogħol tiegħu u ma għandu qatt jagħmel manuvri ażżardati li jgħollu r-riskju tal-ħsara jew tal-korriment lilu nnifsu u 'l dawk ta' madwaru;*

*Illi dan kollu juri li r-responsabbilta' tal-imgħallem m'hijiex waħda li ta' bilfors tintrabat miegħu awtomatikament għal kull inċident li jġarrab xi impjegat tiegħu waqt ħin ix-xogħol (dik li tissejjaħ "strict liability").*

*Għalkemm hija responsabbilta' li titlob prudenza, għaqal u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja, ma titlobx grad ogħla ta' responsabbilta', u tista' saħansitra tixxejjen jekk kemm il-darba l-impjegat innifsu jkun traskurat jew saħansitra jmur kontra dak li jkun intalab li jagħmel jew li m'għandux jagħmel;"*

*Dawn il-principji gew ukoll ripetuti fil-kawza fl-ismijiet* ***Emmanuel Spiteri vs G.S.C. Limited*** *deciza fil 5 ta' Ottubru, 2010: P.A. 671/1997/1 JRM:*

*"Illi l-Qorti tibda biex tghid li fejn jidhol korriment (jew mewt) waqt il-qadi tax-xogħol li wiehed ikun tqabbad jagħmel, il-prova tar-responsabbilta` ta' dik ilgrajja xorta wahda taqa' fuq min ikun indarab (jew dawk li jigu minnu). Il-fatt waħdu li persuna tkorri (jew tmut) fuq il-post tax-xogħol ma tfissirx awtomatikament it-tqegħid tar-responsabbilta' fuq l-imgħallem u l-ħelsien għal kollox tal-parti midruba mill-ħtiega li tipprova l-allegazzjoni tagħha. Dan hu skond ir-regola ewlenija tad-dritt procedurali li min jallega jrid jipprova bl-ahjar mod li titlob il-ligi. Tal-anqas, il-parti attrici tkun trid turi tajjeb biżżejjed li sehh dak l-incident u li min-naha taghha (jew l-awtur taghha) jkun sar dak kollu li juri li dak li gara ma jkunx ingab b'idejn dak li jkun;*

*Illi, madankollu, dak il-piż jaf il-limitazzjonijiet tiegħu minħabba li, fil-qasam ta' responsabbilta' dwar korriment li jseħħ fuq il-post tax-xogħol waqt ilqadi ta' dmirijiet tal-persuna li tkun, jgħoddu regoli specjali dwar dak li jsehh meta ħaddiem jew terza persuna ggarrab incident bhal dak. Bittħaddim tar-regoli generali tal-ligi dwar ir-responsabbilta' għal dak li wieħed irid iwiegeb għalih minħabba xi għamil jew nuqqas tiegħu, is-sejbien ta' ħtija ghal incident bħal dak jgħabbi lil min ikun qabbad lill-ħaddiem jew lit-terz li jkun, sakemm ma jintweriex li dak il-ħaddiem naqas li joqgħod għall-istruzzjonijiet jew għall-prekawzjonijiet li l-imgħallem tiegħu jkun widdbu bihom jew ipprovdielu, jew sakemm ma jintweriex li l-ħaddiem, bi traskuragni jew b'rieda, ikun hu nnifsu gab l-effetti tal-incident b'idejh;" (Ara ukoll App.Civ fl-ismijiet* ***Peter Ronald vs Polibon Construction Ltd*** *deciza fid-9 ta' Jannar, 2009)."*

Meta jigu applikati l-principji suesposti fir-rigward **tal-obbligi tal-konvenut Tabib Principali tal-Gvern** bhala dak responsabbli f'ghajnejn il-ligi ghas-sahha u s-sigurta' tal-attur u l-kollegi tieghu fil-kors tax-xoghlijiet tal-qlugh u t-tpoggija tal-balavostri fiz-zona in kwistjoni, l-Qorti ssib fir-rigward tieghu nuqqas lampanti wara iehor bi ksur flagranti tad-dispozizzjonijiet citati tal-Kap 424.

Irrizulta b'mod car li fl-epoka tal-incident:

(a) fid-Dipartiment kien hemm nuqqas ta' struttura jew mekkanizmu adegwat sabiex jidentifika l-periklu, jevalwa r-riskji assocjati max-xoghol partikolari u jiehu mizuri preventivi fir-rigward. **Alexander Buhagiar**, *Project Manager* tad-Dipartiment tas-Sahha xehed hekk:

*"Av. Spiteri Bailey: F'cirkostanzi bhal dawn min jiehu hsieb illi meta jkun hemm dizlivell bhal dan jigi evitat il-periklu?*

*Xhud:* ***__Nghidlek il-verita' ma kienx hemm bniedem li jiehu hsiebhom dawn l-affarijiet__.***[40]*."*

(b) Il-konfuzjoni dipartimentali tispikka meta rrizulta li lanqas kien car ghalihom min suppost kien responsabbli ghas-sigurta' ta' dawn il-haddiema fuq ix-xoghol. Alexander Buhagiar, ftit wara li qal li ma kien hemm hadd jiehu hsieb materja ta' sahha u sigurta' tal-haddiema, rrikonoxxa li wara xi zmien "skopra" li flimkien ma' rwoli ohra li kellu hu kien inkarigat minn dawn il-haddiema, izda xorta ma identifikax min kien attwalment responsabbli ghas-sigurta' taghhom -

*"Dan qed nitkellmu fuq Dipartiment tal-Gvern, jiena proprja kont supervisor, lanqas kont project manager.*

*Av. Spiteri Bailey: ghadek kemm ghidtilna li kont project manager.*

*Xhud: Hekk kienet ir-rwol tieghi dak iz-zmien.*

*Av. Spiteri Bailey: Jigifieri inti kont supervisor imma kont qed taghmel xoghol ta' project manager.*

*Xhud: Sewwa. Plus li kont niehu hsieb l-inventarju kollu ta' St. Luke's meta mexxejna Mater Dei. Qed tifhem.* ***Jigifieri barra x-xoghlijiet kollha li kien hemm, ehe, dan tlett xhur wara li kont qieghed hemmhekk sirt naf li jiena qieghed inkarigat ta' dawk in-nies.***

***[….]***

[40] Fol 296

*Av. Spiteri Bailey: ....Imma bhala sigurta', jigifieri meta nqalghu il-balavostri u hemm id-dizlivell, min kellu jiehu hsieb illi jkun hemm forma ta' sigurta'?*

*Xhud: Ifhimni…tista' tghid li kienet taqa' responsabilta' tieghi? Fil-fatt ma kinitx*[41]*."*

(c) Il-procedura tad-Dipartiment ftit li xejn kienet effettiva fejn jidhlu l-htigijiet ghat-twettiq ta' xoghlijiet tant li mhux biss l-apparat mitlub gieli kien jasal wara li l-progett ikun tlesta talli gieli l-haddiema kienu jispiccaw juzaw l-ghodod personali taghhom. **Alexander Buhagiar** ikompli hekk:

*".....dan naghmlu progett, jghiduli, isma' ghandna bzonn hekk hekk u hekk. Jien nordna mid-Dipartiment tas-Sahha tal-Belt, isma' ghandna bzonn hekk hekk u hekk. U dawn ikunu diga' bdew jahdmu, kultant imorru d-dar igibu l-ghodod taghhom u jahdmu bl-ghodod taghhom stess.*

*Av. Spiteri Bailey: Il-haddiema.*

*Xhud: sakemm jigi l-oggett ikunu diga' lestewh l-oggett. Jigifieri l-proceduri kienu hekk. U ghadhom*[42]*."*

Dan ikompli jaghti kredibilita' lill-attur meta jghid li nonostante li huma stess kienu talbu lil dan Alexander Buhagiar sabiex jipprovdilhom zewg fallakki biex

[41] Fol 296-297
[42] Fol 297

jarmawhom bhala barrikata protettiva flok il-balavostri maqlugha, ir-risposta li nghataw kienet li l-unika wahda disponibbli kienet qeghda l-Ministeru[43].

(d) Kien biss **wara** l-incident in kwistjoni li donnhom bdew jittiehdu aktar inizjattivi biex is-sigurta' tal-haddiema tigi mharsa b'mod effettiv. Kif ammess mill-istess Buhagiar:

"*Av. Spiteri Bailey: Xi mizuri ta' sigurta' ttiehdu wara l-incident?*

*Xhud: Iva, ghamilna complaints...u bdew jirrangaw daqsxejn ruhhom.*

*[……]*

*Av. Spiteri Bailey: U meta tghid bdew jirrangaw ruhhom x'jigifieri?*

*Xhud: Jigifieri certu ghodda zdiedet, certu safeties tawhomlna…*

*Av. Spiteri Bailey: Wara l-incident.*

*Xhud: Iva. Ghax qisek imbaghad la tinqaras qisek minghajr ma trid tiwworja u tiehu hsieb certu affarijiet u tiehu hsieb il-haddiema[44].*"

L-aspett ta' supervizjoni huwa kontestat. Filwaqt li Alexander Buhagiar xehed li *"hafna hinijiet inkun fuq il-post[45]"*, l-attur jghid mod iehor – *"Alex….ma kienx joqghod hdejna waqt li qed nahdmu. L-ufficcju kien. Kien jghidilna x'ghandna*

[43] Fol 274
[44] Fol 299
[45] Fol 295

*naghmlu u ahna naghmluh*[46]*."* Bhala fatt pero' mhuwhiex kontestat li fil-mument tal-incident, l-attur u l-kollegi tieghu ma kinux qed jigu sorveljati.

Fi kwalunkwe kaz izda, l-unika konkluzjoni holistika li tista' tasal ghaliha l-Qorti hija l-manifestazzjoni ta' attitudni laxka u traskurata da parti tal-konvenut Tabib Principali tal-Gvern f'dak li jirrigwarda sahha u sigurta' tal-haddiema fuq il-post tax-xoghol. Mhuwhiex kontestat li l-unika haga li l-attur u shabu nghataw sabiex jaghmlu x-xoghol tal-balavostri kien *safety shoes* ghax ma kinux disponibbli attrezzaturi ohra li setghu jissalvagwardjaw lill-haddiema mill-periklu[47]. Mhuwhiex kompitu tal-Qorti li tissenjala hi x'kellhom ikunu l-mizuri specifiki ta' sigurta' mehtiega ghall-ezekuzzjoni ta' dawn ix-xoghlijiet. Certament izda li l-konvenut Tabib Principali tal-Gvern ma hax il-passi li wara kollox hu kien obbligat bil-ligi li jiehu sabiex jipprovdi apparat adegwat kemm biex jilqa' ghad-dizlivelli li kien hemm fuq il-lant tax-xoghol fil-kaz odjern kif ukoll sabiex jiehu kull mizura necessarja ohra biex ir-riskji marbuta mat-tip ta' xoghol li kien qed isir jigu evitati jew almenu minimizzati. Huwa palezi illi li kieku dakinhar tal-incident kien hemm ilqugh li jaghmel tajjeb ghad-dizlivelli fuq il-lant tax-xoghol, iz-zelqa tal-attur ma kienx ikollha r-riperkussjonijiet li kellha.

**Ghar-ragunijiet suesposti l-konvenut Tabib Principali tal-Gvern ghandu jgorr ir-responsabbilta' tal-incident tad-9 ta' Novembru 2009.**

Jifdal issa li jigi evalwat jekk l-attur weriex nuqqasijiet fl-obbligi tieghu skont il-ligi li jissalvagwardja s-saħħa u s-sigurtà tiegħu nnifsu kif ukoll dik ta' persuni oħra li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol li kien ghaddej.

[46] Fol 274
[47] Xhieda ta' Alexander Buhagiar a fol 298

Wara li qieset il-fatturi kollha li jiccirkondaw id-dinamika tal-incident *de quo*, il-Qorti ma tirriskontrax xi nuqqas da parti tal-attur li bih jista' jitqies li wassal jew ikkontribwixxa ghall-incident li fih korra. Frott ta' prudenza u esperjenza fix-xoghol tieghu ta' *maintenance* intwera kif l-attur stess talab li jigu provduti b'fallakki biex jistghu iservu ta' protezzjoni waqt ix-xoghol. L-attur gie anke deskritt mir-rapprezentant tat-Tabib Principali tal-Gvern bhala bniedem affidabbli[48].

Huwa minnu li nonostante li dawn il-fallakki ma gewx provduti l-attur xorta accetta li jahdem minghajrha izda dan il-fatt wahdu ma jghabbihx bir-responsabbilta' tal-incident sakemm ma jigix muri li huwa stess pogga lilu nnifsu fil-periklu minghajr ma ha l-prekawzjoni mehtiega, liema cirkustanza ma jirrizultax li avverat ruhha fil-kaz odjern. L-attur kien liebes l-uniku attrezz protettiv li nghata mit-Tabib Principali tal-Gvern, is-*safety shoes*. Inoltre kif qal in kontro-ezami l-attur:

*"Mistoqsi ghalfejn zlaqt, inwiegeb lanqas jien stess ma naf. Kelli barmil f'idi bl-ilma jew bit-tajn. Tlajt hames targiet. Kien hemm il-ballavostri godda. Kull ma niftakar hu illi jien spiccajt in arja, inzilt 'l isfel.....Saqajja nqatghu mill-art. Pruvajt nilqa' b'idi. Idejja x-xellugija giet tahti u weggajt. Nikkonferma illi jien fil-fatt zlaqt. Mija fil-mija hekk gara.[49]"*

Ghalhekk ghalkemm kif ammess mill-attur stess, fil-hin tal-incident kien hemm iz-zlieq tax-xita u t-tajn[50] ma giex pruvat li fil-mument tal-incident huwa kien qieghed jagixxi bi traskuragni jew li kien qieghed jipprova jaghmel xi manuvra azzardata. Kull ma kien ghadu kemm ghamel l-attur fis-sekondi ta' qabel l-

[48] Xhieda ta' Alexander Buhagiar a fol 298
[49] Fol 273
[50] Fol 36

incident kien li tela' t-tarag u mexa lejn shabu mill-pjan tat-tlett filati 'l fuq. U zelaq. Xejn aktar. In-nuqqas ta' diligenza ta' *bonus pater familias* fl-agir tal-attur ma mmanifestatx ruhha u certament ma gietx pruvata. Dan immur kontra dak sottomess mit-Tabib Pincipali tal-Gvern fin-nota ta' sottomissonijiet tieghu[51], meta jattribwixxi nuqqas ta' prudenza da parti ta' l-attur gialadraba dana kien ta konsapevoli li t-tahlita biex jitwahhal il-madum kienet wahda li tikkaguna zlieq ma  l-art u dana minhabba li hu kien bniedem ta' esperjenza f'dan it-tip ta' xoghol.

Argument simili giet rigettat minn din il-Qorti kif diversament fil-kawza fl-ismijiet **Godfrey Buhagiar vs Malta Ship Building[52]:**

*"Issa wara l-akkadut is-socjeta' konvenuta qeghda tghid 'imma allura f'dawk ic-cirkostanzi l-attur qatt ma kien imissu rriskja'. B'dana kollu l istess socjeta' konvenuta ma tghidx x'azzjonijiet dixxiplinarji kienu jittiehdu kontra l-attur kieku dan ma marx jghaqdi xogholu u jgieb l materjal mill-istores. In-nuqqas ta' azzjoni da parti tas-socjeta' konvenuta fl-istallazzjoni ta' dawl adegwat fit-tarag wara rapporti li sarulha jista' jigi attribwit jew ghall-negligenza u nonkuranza ghas-sigurta tal impjegati taghha jew li l-istess socjeta' hasset li l-ilment ma kienx gustifikat. Fiz-zewg kazi s-socjeta' konvenuta kienet fit-tort.*

***Din il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni tas-socjeta' konvenuta fis-sens li l-attur assuma r-riskju. Hafna drabi l-impjegat huwa obbligat jaqdi dmiru f'ambjenti ftit li xejn rakkomandabbli u xorta jaghmel xogholu. Izda ma jfissirx li b'daqshekk hu jkun qed jaccetta r-responsabbilita' ghal dak li jista' jigrilu. Kull ma jfisser hu li l-impjegat jipprova jaqdi dmiru fic-cirkostanzi provduti lilu.*** *Ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li l-incident fuq imsemmi*

[51] Fol 363
[52] Cit. nru.2126/97 AJM  11 TA' Ottubru, 2001.

*gara unikament tort tas-socjeta' konvenuta li naqset milli taqdi dmira skond il-ligi meta ma pprovditx post tax-xoghol sigur".*

**Ghaldaqstant il-Qorti ma tatribwixxi ebda responsabilta' lill-attur ghall-incident li sehh.**

**Il-Qorti sejra ghalhekk tilqa' l-ewwel talba tal-attur fir-rigward biss tal-konvenut Tabib Principali tal-Gvern.**

**Ghall-istess ragunijiet, l-eccezzjonijiet ta' dan l-istess konvenut sejrin jigu respinti.**

4. **Likwidazzjoni u hlas ta' danni**

In vista tal-konkluzjonijet taghha dwar ir-responsabilta' ghall-incident *de quo*, il-Qorti sejra tghaddi biex tikkunsidra t-tieni u t-tielet talba tal-attur dwar il-likwidazzjoni u hlas ta' danni.

L-Artikolu 1045 tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta) jipprovdi illi –

*"**1045.** (1) Il-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-disposizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-egħmil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-egħmil seta' jġib.*

*(2) Is-somma li għandha tiġi mogħtija għal din l-inkapaċità tiġi stabbilita mill-qorti, wara li tqis iċ-ċirkostanzi tal-każ, u, b'mod partikolari, ix-xorta u grad ta' inkapaċità ikkaġunata, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-ħsara."*

Fis-sistema taghna, id-danni likwidati jkopru kemm dawk attwali (*damnum emergens*) u kemm dawk li jolqtu telf ta' qliegh futur (*lucrum cessans*).

Fil-kaz **Joseph Zammit vs Joseph Bonello deciz fil-25 ta' Frar 2016**[53] din il-Qorti diversament preseduta gabret rassenja tal-principji generali applikabbli f'din il-materja kif rassodati fil-gurisprudenza matul is-snin:

*"Illi tali regoli gew supplementati u interpretati bil-principji stabbiliti fil-kawza ewlenija **"Michael Butler vs Peter Christopher Heard"** – A.C. dec. fit-22 ta' Dicembru 1967, li tat l-origini ghal hekk imsejha multiplier system, li pero` giet aggustata ghaz-zminijiet aktar recenti peress li, kif intqal fil-kawza **"Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri et"** – A.C. dec. fis-16 ta' Novembru 1983, "ic-cirkostanzi tal-hajja anke fil-gzira taghna nbidlu konsiderevolment u l-ammonti qeghdin isiru fuq kriterji ferm differenti minn dawk li kienu jsiru ghaxar snin jew ghoxrin sena ilu." Ghalhekk, il-Qrati taghna rritenew li ghandhom id-diskrezzjoni li jkunu iktar flessibli o meno rigoruzi fl-applikazzjoni tal-linji gwida stabbiliti f' Butler vs Heard. Hekk gie ritenut li ghandhom juzaw "l-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-ligi – **"Savona vs Asphar"** App. Deciz fit-23 ta' Gunju 1952; u li "ghandu jintuza bhala bazi wkoll f'dan il-kaz bid-differenza li n-numru ta' snin ghandu jittiehed ghas-snin kollha tal-hajja lavorattiva tal-korrut." ("**Emanuel Mizzi vs Carmel Attard**":- 13.5.2003); u li "dejjem ghandu jkun hemm certu elasticita` ta' kriterji billi l-pronunzjament fil-likwidazzjoni in kwistjoni huwa wiehed ta'*

[53] Rik Gur 836/01LSO

*probabilta`. Inoltre` d-danneggjat jinghata somma kapitali darba wahda biss, meta tinghata b'sentenza m'hijiex aktar soggetta ghal ebda revizjoni. Ghalhekk, din is-somma kapitali trid tkun tikorrispondi kemm jista' jkun mar-realta`."* – ***"Francis Sultana vs John Micallef et noe et"*** – *Appell deciz fl-20 ta' Lulju 1994.*

*Madankollu, fil-kaz* ***"Paul Debono vs Malta Drydocks****" P.A. deciza fis-27 ta' April 2015, intqal:*

*"Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-rizarciment hi certament fis-sistema legali taghna ispirata mir-regola stabbilita fl-Artikolu 1045 tal-Kodici Civili. Fir-rigward tal lucrum cessans dan jinvolvi t-telf ta' qligh futur minhabba l-inkapacita`. Il-ligi mbaghad thalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti, biex valjati c-cirkostanzi tal-kaz, ix-xorta u grad ta' l nkapacita`, u l-kondizzjoni tal-parti dannegjata, tistabbilixxi s-somma rizarcitorja."*

***Multiplier***

*Il-kwistjoni tal-multiplier li normalment jintuza bhala mezz biex it-telf ta' qligh li jinghata d-dannegjat jigi kalkolat, hija wahda li dwarha l-Qrati Taghna f'dawn l-ahhar zminijiet flew sewwa. Xi kittieba awtorevoli f'dan il-qasam ifissru l-multiplier bhala:*

*"A figure somewhat less than the number of years for which the loss is likely to continue, that is, in a personal injury action, until the plaintiff's injuries cease to affect earnings or the plaintiff dies or retires. This figure is then reduced partly because of the contingencies (i.e that the plaintiff might not have lived or worked so long or might have lost earnings even if the accident had not occurred) and partly because the plaintiff is going to receive not an income but*

*a capital sum which can be invested to produce an income. The multiplier is not the product of precise calculation, but of estimation in the light of the facts of the particular case and of other comparable cases.”* ***(Peter Cane, Atiyah’s Accidents, Compensation and the Law 6th Edit, 1999, pag.122).***

*Ghalhekk gie ritenut li l-multiplier irid jinkorpora fih dak l-element ta’ ‘chances and changes of life’ jew ‘vicissitudes of life’.*

*Fil-kaz “***Paul Vassallo et noe vs Carmelo Pace***” Appell deciz fil-5 ta’ Marzu 1986) gie ribadit li:*

*“In-numru ta’ snin adottat bhala multiplier m’ghandux ikun bazat fuq l-aspettattiva tal-hajja in generali tad-dannegjat izda fuq l-aspettativa tal-hajja lavorattiva tieghu u ghalhekk jittiehdu in konsiderazzjoni c-‘chances and changes of life’."*

*Il-multiplier gie definit kif gej:*

*“In other words the multiplier is set at a figure which takes into account both the fact that a capital sum capable of investment is more valuable than an equivalent aggregate income over a period of time and the chance that the plaintiff might anyway not have earned that income.” (***The law of Tort- W.V.H. Rogers, 1994, 2nd Ed. p.228***).*

*Gie stabbilit li l-mulitplier ghandu jibda jitqies minn dakinhar li sehh l-incident li fih il-vittma tkun garrbet il-griehi, (App. Civ. 16.11.1983 fil-kawza fl-ismijiet* ***Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri****) u mhux minn dakinhar li l-Qorti tasal ghal-likwidazzjoni tas-somma li ghandha tithallas bhala danni.*

*Minbarra dan il-bixra ta' hsieb wara sentenzi ta' dawn l-ahhar snin f'dan il-qasam qeghda xxaqleb lejn it-tnehhija ta' skemi rigidi li jistghu ifixklu l-ghoti ta' kumpens misthoqq u xieraq ghac-cirkostanzi. Wahda minn dawn l-izviluppi hija fil-massimu tal-multiplier, fejn ghal numru kbir ta' snin ma tqiesx li seta' jaqbez l-ghoxrin (20). Ghar-ragunijiet li l-Qorti ghandha tfittex qabel kull haga ohra li tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun garrab hsara, u li terga' tqieghed lil tali persuna kemm jista' jkun fl-istat li kienet qabel l-incident*[54]*. Illum huwa accettat u approvat mill-oghla Qrati taghna li l-multiplier ikun jaqbel sewwa mal-eta` tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji*[55]*.*

*Dwar il-qies tal-multiplier jkun xieraq li wiehed jaghmel referenza wkoll ghal dak li hu mghallem f'dan ir-rigward mill-awturi fejn jinghad li:*

*"The most important factor to take into account when considering which multiplier to apply is, of course, the age and probable working life of the deceased and the expectation of life of the dependants…There must also be a discount for the uncertainties of life….discount must also be made for the fact that dependants will receive an accelerated benefit in the form of a lump sum rather than smaller benefits over a number of years. Because of these uncertainties the appropriate time for selecting the multiplier is at the time of death….." **(Thomas Saunt Damages for Personal Injury and Death (Tielet Ediz. 1986, pag.53).***

***Tnaqqis minhabba lump sum payment***

*Illi dwar il-lump sum jinghad illi fil-kawza fl-ismijiet "**Paul Xuereb noe vs***

[54] *"**Borg pro et noe vs Muscat**" P.A. deciza fid-9 ta' Jannar 1973.*
[55] *Ara "**Mary Bugeja noe et vs George Agius noe**" – App. Deciza fis-26 ta' Lulju 1991; "**Vincent Axisa vs Alfred Fenech et**" (P.A. 16 ta' April 1991); "**Carmelo Camilleri vs Alfred Falzon**" deciza mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Mejju 1984.*

***Emanuel Xuereb pro et noe**." (P.A. (JSP) deciza fil-5 ta' Ottubru 1995, intqal:*

*"Fir-rigward ghal-'lump sum payment' il-Qorti jidhrilha li m'ghandu jsir l-ebda tnaqqis fil-persentagg solitu ta' 20 fil-mija ghal 'lump sum payment' jekk ma jkunux ghaddew aktar minn tlett snin mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni u jekk ikun ghadda dan il-perjodu allura ghandu jsir tnaqqis ta' 2% ghal kull sena minn dik id-data."*

*Aktar recentement, il-Qorti tal-Appell, fil-kaz **"Annunziata sive Nancy Caruana vs Odette Camilleri"** deciza fis-27 ta' Frar 2004, rribadiet li –*

*"Ghall-finijiet tat-tnaqqis minhabba lump sum payment id-dekors taz-zmien ghandu jibda jigi kalkolat minn meta tigi ntavolata l-kawza relattiva u mhux minn meta javvera ruhu l-incident ukoll relattiv."*

*Skont kriterju li gie elucidat u applikat minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kaz **"Jos Agius vs All Services Ltd."** (P.A. TM 1809/01 deciza fit-2 ta' Gunju '05) "f'kazijiet kongruwi, soltu li jsir tnaqqis iehor ta' 20% ghall-fatt li jkun ser ikun hemm hlas f'daqqa ('lump sum payment') lill-beneficcjarji. Jekk id-decizjoni pero`, tkun se tinghata wara tul ta' certu zmien, hi l-prattika li l-persentagg ta' tnaqqis jonqos, u hi konswetudni tal-Qrati, li jekk kawza ddum aktar minn sentejn, il-persentagg jonqos b'zewg punti ghal kull sena ohra li l-kawza ddum biex tigi deciza."*

*Izda, gie wkoll propost li m'ghandux awtomatikament jitnaqqas skont kemm iddum il-kawza, dan ghaliex "jekk id-dannegjat ma jkollux htija fid-dewmien tal-kawza, m'ghandux ikun hemm tnaqqis fil-lump sum deduction". (Ara "**Agius vs Fenech**" P.A. deciza fid-29 ta' Ottubru 2003, "**Sylvester Tabone vs Carmen Abela"** P.A. deciza fil-25 ta' Novembru 2013 u **"Laurence Saliba vs***

***Bezzina Ship Repair Yard Ltd**." P.A. deciza fit-12 ta' Novembru 2012).*

B'applikazzjoni tal-principji suesposti ghall-kaz odjern, il-Qorti tibda billi tosserva illi minkejja li l-attur gie meqjus "tajjeb ghax-xoghol" mill-Bord Mediku mahtur apposta b'effett mill-25 ta' Dicembru 2009, irrizulta bhala fatt li huwa ma kienx f'qaghda li jkompli jaghmel ix-xoghol li kien jaghmel qabel tant li beda b'*light duties* u eventwalent spicca bidel in-natura tax-xoghol. Dan apparti r-riperkussjonijiet permanenti fuq sahhet u l-kwalita' ta' hajja tal-attur.

Ferm il-premess il-Qorti taghmel is-segwenti kunsiderazzjonijiet:

***Damnum Emergens***

L-attur qieghed jitlob dawn il-hlasijiet[56]:

- €160: hlas tar-rapport mediku *ex parte* tal-konsulent Mr Jason Zammit[57];
- € 150 ghall-konsulti datati 9 ta' Dicembru 2011[58], it-18 ta' Lulju 2012[59] u t-18 ta' Frar 2013[60].

L-attur xehed li huwa m'ghandux ricevuti ta' dawn l-ammonti[61]. Il-Qorti tqis pero' li dan il-fatt wahdu m'ghandux awtomatikament jippenalizza lill-attur ghax kif intqal minn din il-Qorti diversament preseduta fil-kaz **Brian Cachia et vs Marc Vella deciz fit-12 ta' Jannar 2015[62] -**

[56] Affidavit tal-attur a fol 38 u Nota ta' Sottomissjonijiet a fol 338
[57] Fol 12-13
[58] Fol 41
[59] Fol 42
[60] Fol 78
[61] Fol 38
[62] Cit Nru 97/08

*"Illi ghalkemm l-atturi naqsu illi jipproduci r-ricevuti ghad-danni fuq sofferti, l-atturi ipproducew diversi certifikati tat-tobba fuq indikati li huma prova fihom innifishom tal-visiti tat-Tabib u konsulent, b'mizati li llum il-gurnata huma ben maghrufa minn kulhadd."*

Premess dan, il-Qorti tikkoncedi li c-cifra ta' €160 ndikata ghall-hlas tar-rapport tal-konsulent Zammit hija wahda realistika u ragjonevoli. L-istess jinghad ghac-cifra ta' €50 ghal kull wahda mit-tlett konsulti li fir-rigward taghhom inhargu r-rapporti l-ohra fuq indikati[63].

It-talba tal-attur ghar-rizarciment ta' dawn id-danni sejra ghalhekk tintlaqa'.

**Damnum Emergens: Tlett mija u ghaxar Ewro (€310)**

***Lucrum Cessans***

a. Ghal dak li huwa **persentagg ta' dizabilita'** l-Qorti tinnota li hemm avarija bejn id-diversi rapport esibiti, b'persentaggi li jvarjaw minn 10% sa 21%. Wara li qieset dawn ir-rapporti l-Qorti sejra tadotta l-**persentagg ta' 21%** kif konstatat mill-periti perizjuri mqabbda minnha, liema persentagg huwa meqjus li l-aktar jirrifletti l-persistenza tal-effetti negattivi li l-incident kellu fuq sahhet ir-rikorrent tenut kont li huma ezaminawh 55 xahar wara l-korriment.

B'referenza ghall-argument tat-Tabib Principali tal-Gvern dwar il-kontributorjeta' tal-attur stess fir-rigward tar-ritorn tal-ugiegh fi spalltu wara l-operazzjoni[64], il-Qorti tqis li ghalkemm huwa minnu li f'Lulju 2012, f'wahda mill-visti li saritlu mill-konsulent John Casaletto kien gie konstatat li l-attur kien

[63] Ghalkemm il-*letterhead* hija tal-isptar Mater Dei, hemm indikat li l-visti saru fil-klinika tal-konsulent (rapport tad-9 ta' Dicembru 2011 a fol 45

[64] Nota ta' Sottomissjonijiet a fol 365-366

ghamel izzejjed fizjoterapija, il-Qorti tqis li dan sehh sentejn qabel ma nvistawh il-periti perizjuri. Di piu' ma giex pruvat li l-effetti ta' dan il-fatt kienu permanenti u mhux biss temporanji. Il-Qorti tqis ukoll li fil-konkluzjonijiet taghhom dawn l-esperti mkien ma ndikaw li d-dizabilita' riskontrata minnhom kienet b'xi mod affetwata mill-effetti ta' fizjoterapija zejda li ssottopona ruhu ghaliha l-attur tant zmien qabel.

b. Dwar **il-multiplier**, jirrizulta li l-attur twieled fil-21 ta' Settembru 1952[65] u fid-data tal-incident kellu 57 sena. A bazi tac-*chart* citata minn din il-Qorti stess fis-sentenza taghha **Michael Busuttil vs Magdalena Abela deciza fit-30 ta' Mejju 2016**[66] il-Qorti sejra tadotta l-**multiplier ta' 5 snin**, liema multiplier qieghed ukoll jaghmel tajjeb ghall-fattur tac-*chances* u c-*changes of life*.

c. Kif inghad, il-*multiplier* ghandu jibda jitqies minn dak inhar li sehh l-incident li fih il-vittma tkun garrbet il-griehi, u mhux minn dak inhar li l-Qorti tasal ghall-likwidazzjoni tas-somma li ghandha tithallas bhala danni. Ghal dak li huwa **salarju**, l-attur prezenta biss FS 3 ta' sena wahda, dik tal-2012 fis-somma ta' **€15,344.71**[67] b'dana li ma setax jigi kalkulat id-dhul medju fuq firxa ta' hames snin. Il-Qorti ghalhekk sejra tuza din ir-rata bhala bazi, liema rata ghandha titqies li taghmel tajjeb ukoll ghall-gholi tal-hajja wara l-2012.

Ghal dak li jirrigwarda t-tnaqqis minhabba li l-hlas ser isir f'daqqa (***lump sum payment***), il-Qorti fl-ewwel lok tinnota li l-kawza nfethet aktar minn sentejn wara l-incident u s-sentenza sejra tinghata hames snin wara li gew intavolati dawn il-proceduri. Ma jirrizultax li kien hemm dilungar inutili mill-partijiet. Fic-cirkustanzi l-Qorti tqis li **t-tnaqqis ghandu jkun ta' 6%.**

[65] Fol 40
[66] Rik Gur 118/14
[67] Fol 76

L-ammont dovut lill-attur bhala ***lucrum cessans*** sejjer ghalhekk jigi kalkulat kif gej:

€15,344.71 x 21% x 5 = €16,111.95 – 6% **= €15,145.23**

**Ghaldaqstant is-somma finali li ghandha tithallas lill-attur hija din: damnum emergens €310.00 + lucrum cessans €15,145.23 = € 15,455.23 (hmistax -il elf erba' mija u hamsa u hamsin Ewro u tlieta u ghoxrin centezmu).**

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti:**

1. **Tilqa' l-eccezzjoni preliminari tas-socjeta' konvenuta Industrial Projects Services Limited u tiddikjara illi mhijiex legittimu kontradittur ghat-talbiet tal-attur u tilliberaha ghalhekk mill-osservanza tal-gudizzju;**

2. **Tichad l-eccezzjonijiet kollha tat-Tabib Principali tal-Gvern;**

3. **Tilqa' l-ewwel talba tal-attur u tiddikjara li l-konvenut Tabib Principali tal-Gvern huwa responsabbli ghall-incident li sehh fuq il-post tax-xoghol gewwa l-isptar San Luqa, Gwadamangia, nhar id-9 ta' Novembru 2009, f'liema ncident korra l-attur;**

4. **Tilqa' t-tieni talba tal-attur u tillikwida s-somma ta' hmistax -il elf erba' mija u hamsa u hamsin Ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€15,455.23) bhala danni sofferti minnu kawza tal-istess incident;**

5. **Tilqa' t-tielet talba tal-attur u tordna lit-Tabib Principali tal-Gvern ihallas is-somma hekk likwidata;**

6. **L-ispejjez tal-kawza ghandhom ikunu a karigu tat-Tabib Principali tal-Gvern hlief ghal dawk tas-socjeta' Industrial Projects Services Limited li ghandhom ikunu a karigu tal-attur.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imhallef**

**John Muscat**
**Dep. Reg.**